# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.**

**Numru 19**

**Rikors numru 7/2009/1 AL**

**Mary Rose Pisani**

**v.**

**Anthony Pisani**

1. Din is-sentenza titratta l-appell li ppreżenta l-konvenut ('appellant') minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-7 ta' Lulju 2020 dwar il-firda personali bejn il-partijiet u xoljiment u qsim tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom.

2. Permezz ta' rikors maħluf preżentat fis-16 ta' Jannar 2009 l-attriċi ('appellata') ppremettiet u talbet:

*"1. Illi nhar it-30 ta' Settembru 1984, l-esponenti żżewġet lil intimat Anthony Pisani. (Dok MRP 1)*

*2. Illi minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, li llum huma t-tnejn maġġorenni.*

*3. Illi l-intimat irrenda ruħu ħati ta' adulterju versu martu rikorrenti, kif ukoll irrenda ruħu ħati ta' eċċessi, moħqrija, inġurji gravi u theddid versu martu rikorrenti, u kontra uliedu.*

*4. Illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment b'mod li l-ħajja konjugali m'għadhiex aktar possibbli.*

*5. Illi l-attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet mogħti nhar is-17 ta' Novembru 2008 (Dok MRP 2).*

*6. Illi matul iż-żwieġ inqalgħu diversi problemi u dan minħabba l-attitudni irresponsabbli u anke vjolenti, tiegħu lejn martu u uliedu, tant illi sa llum għad hemm proċeduri kriminali pendenti kontra tiegħu.*

*Talbet li l-konvenut jgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi Pisani, għal raġunijiet imputabbli lill-intimat.*

*2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti.*

*3. Tillikwida l-istess komunjoni ta' l-akkwisti f'żewg partijiet mhux neċessarjament ugwali b'tali mod li l-intimat jitlef kull jedd li għandu fuq nofs l-akkwisti li saru bil-ħidma tar-rikorrenti.*

*4. Tapplika kontra l-intimat l-effetti ta' l-Artikolu 48 et seq, tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*5. Tordna lil intimat, iħallas lir-rikkorenti nofs l-ammont ta' spejjes li saru fir-rigward tad-dar matrimonjali, u spejjez oħra relatati mal-komunjoni ta' l-akkwisti, minn meta nbdew l-ewwel proċeduri għal separazzjoni bonarja u cioe l-21 ta' Novembru 2007, (Atti tal-Medjazzjoni 1224/07 EC) sad-data tas-sentenza.*

*6. Tordna li ir-rikorrenti tirreverti ghal kunjhom xbubitha u cioe' Camilleri.*

*7. Tawtorizza lir-rikorrenti tipproduċi lil persuni li huma marbuta bis-sigriet professjonali, hawn taħt elenkati bħala xhieda, sabiex jiġu eżenti*

*mis-sigriet professjonali sabiex ikunu jistgħu jixhdu fil-kawża odjerna u dan taħt kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat, mill-lum inġunt għas-subizzjoni."*

3. Il-konvenut wieġeb[1] illi:

*"a. Illi hu minnu li l-esponent iżżewweġ lill-attriċi rikorrenta it-30 ta' Settembru 1984 fejn minn dan iż-żwieġ għandom żewġ itfal li llum huma maġġorenni.*

*b. Illi mhu minn xejn dak allegat mir-rikorrenti li l-esponent hu ħati tat-tortijiet indikati fir-rikors promoturju. Illi puttost hu kontra tant li dawn ser jiġu ppruvati, speċjalment il-fatt li l-istess rikorrenti ilha timxi sistematikament biex toskura l-esponent b'mod intenzjonat liema intenzjoni malinja hi issa, kristalizzata f'dawn il-proċeduri u proċeduri oħrajn, liema ħaġa ser tiġi ppruvata fil-mori tal-kaz. Illi qiegħed jidher b'mod ċar li dawn il-proċeduri qegħdin iservu bħala paraventu għat-tortijiet tal-istess rikorrenta li b'ċerta animus qegħda tipprova titfa l-ħtija tagħha fuq l-esponent, biex fost affarijiet oħra qegħda tagħmel kif ser takkwista, liema ħaġa ser tiġi ppruvata fil-mori tal-kaz.*

*c. Illi di piu`, jekk iż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment dan hu tort tal-istess rikorrenta principament, imma mhux esklussivament, minħabba l-attitudni tagħha xejn pjacevoli fejn, fost affarijiet oħra tħobb tipprovoka kontinwament kif ukoll l-istess rikorrenta jidhrilha b'mod erronju li ħadd ma jista` għaliha u tippretendi wkoll li l-affarijiet għandhom jimxu biss bl-approvazzjoni tagħha. Illi fin-nuqqas ir-rikorrenta tagħmillek ħajtek infern, liema kaz odjern qed iservi ta' mera ta' dan.*

*d. Illi di piu`, l-attitudni skifuza u ntollerabbli tar-rikorrenta hi ferm riflessa mit-talbiet tal-istess rikorrenta fejn qegħda tipprova timponi kundizzjonijiet li huma l-boghod ferm mill-applikazzjoni tal-principji ċivili liema ħaġa tiġġustifika l-posizzjoni tal-istess esponent.*

*e. Illi l-problema tal-attitudini xejn pjacevoli tal-intimata rikorrenta tant saret imposibbli li b'mod inġust, l-esponent qiegħed isofri konsiderevolment tant li r-rikorrenta qegħda timmanipolha wlied il-partijiet għal skopijiet tagħha u bħala konsegwenza qegħda tipprova l-posizzjoni tagħha 'vittma' meta fir-realta s-sitwazzjoni hi kontra.*

*f. Illi filwaqt li l-esponent jiċħad kategorikament l-akkuzi fjakki fil-konfront tiegħu s-sitwazzjoni hi ferm kontra fil-konfront tar-rikorrenta liema ħaġa tispjega l-għaliex hi tant ħerqana li tissepara mill-iktar fis possibbli liema ħaġa se tiġi pruvata fil-mori tal-kaz.*

[1] Fol. 27 et seq.

*g. Illi n-nuqqas ta' sinċerita f'dawn il-proceduri da parti tal-intimata rikorrenta anki testendi għal fatt li qed tipprova tizvija l-qorti liema ħaġa se tiġi ppruvata iktar u iktar meta l-istess rikorrenta tgħix ħajja xellarata kif ukoll biex bl-ebda mod l-esponent ma jkollu l-opportunita jidħol id-dar matrimonjali biex b'hekk l-intimata rikorrenta tkun libera b'mod assolut.*

*h. Illi f'dan ir-rigward, imma mhux esklussivament, it-talbiet li jiffavorixxu r-rikorrenta għandhom jiġu miċħudin u skartati stante li huma ntizi mputabbli lir-rikorrenta li hi, wara kollox għandha ggorr fis-sħiħ it-tort tal-ħtija tagħha.*

*i. Salv risposta ulterjuri/eċċezzjonijiet oħra."*

4. Flimkien mat-tweġiba tiegħu, il-konvenut ressaq is-segwenti kontro-talba:[2]

*"Peress illi l-partijiet kienu żżewġu fit-30 ta' Settembru 1984 fejn minn dan iż-żwieġ għandhom żewġt itfal bniet li llum huma maġġorenni.*

*Peress illi l-attriċi rrendiet ruħha ħatja ta' tortijiet serji liema tortijjiet jinkludu adulterju, minaċċi, moħqrija, nġurji gravi, eċċessi, theddid u swat, tant li ż-żwieġ bejn il-partijiet sar impossibli.*

*Peress illi fost affarijiet oħra l-intimata rikorrenta hi ħatja ta' adulterju, minacci, moħqrija, nġurji gravi, eċċessi, theddid u swat, tant li ż-żwieġ bejn il-partijiet sar impossibli.*

*Peress illi fost affarijiet oħra l-intimata rikorrenta hi ħatja ta' adulterju liema ħaġa tisġpjega waħda mir-raġunijiet prinċipali l-għala r-rikorrenta qed tippersegwita kontinwament l-esponent fejn minhabba din l-attitudni kapriċċuza tagħha rnexxielha toħloq straġi b'ħajja ntollerrabbli.*

*Talab li l-attriċi tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

*a. Tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet għal raġunijiet imputabbli lill-intimata rikorrenta.*

*b. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.*

*c. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg partijiet mhux neċessarjament ugwali b'tali mod li l-intimata titlef, ukoll bħala konsegwenza kull jedd li għandha fuq in-nofs l-akkwisti li saru waqt iż-żwieġ imma partikolarment bil-ħidma tal-esponent.*

*d. Tapplika fis-sħiħ kontra r-rikorrenta l-effetti tal-artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

[2] Fol. 29 et seq.

*e. Tordna lir-rikorrenta tħallas l-ispejjeż li saru fir-rigward tad-dar matrimonjali -mill-inqas nofs – u spejjeż oħra relatati mal-komunjoni tal-akkwisti speċjalment minn meta bdew il-proċeduri anke mill-bidu u ċioe mill-medjazzjoni.*

*f. Illi stante li r-rikorrenta hi kapaċi taħdem tordna li tħallas manteniment għall-esponent u tikkundanna wkoll lir-rikorrenta tħallas dak il-manteniment li dina l-Qorti tagħzel li takkorda f'dan ir-rigward.*

*g. Tikkundanna r-rikorrenta tikkonsenja lill-esponent il-beni kollha parafernali tal-esponent u separatament l-esponent jiġi mogħti l-piena amministrazzjoni tal-beni tiegħu. Illi fin-nuqqas tikkundannaha tħallas somma li tiġi likwidata rapprezentanti l-istess proprjeta` parafernali.*

*h. Tiddikjara li l-proprjeta` kollha, partikolarment, imma mhux esklussivament id-dar matrimonjali tigi assenjata u b'hekk okkupata mill-esponent ad eskluzzjoni tar-rikorrenta iktar u iktar minħabba t-tortijiet imputabbli lir-rikorrenta.*

*i. Tawtorizza lill-esponent jirreġistra l-eventwali sentenza definittiva fir-registru pubbliku.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata rikorrenta li minn issa hija nġuta għas-subizzjoni."*

5. L-attriċi wieġbet għall-kontro-talba tal-konvenut bil-mod segwenti:[3]

*"1. Illi t-talbiet kollha tal-intimat rikonvenzjonant, kif dedotti fil-kontro-talba tiegħu huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, kif ser jirrizulta waqt is-smiegħ tal-provi, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tieghu.*

*2. Salv risposti u eċċezzjonijiet ulterjuri."*

6. B'sentenza mogħtija fis-7 ta' Lulju 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ddeċidiet billi:

*"1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba rikonvenzjonali billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi Pisani u dana bi ħtijiet ta' inġurji gravi, minaċċi u moħqrija imputabbli unikament lill-konvenut.*

*2. Tilqa' it-tieni u t-tielet talba attriċi u rikonvenzjonali, u xxolji, tillikwida, tiddividi u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti lil partijiet skont il-*

[3] Fol. 32

*provvedimenti tar-raba' parti ta' din is-sentenza u ċjoe' 'It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'.*

*3. Tilqa' r-raba' talba attriċi, filwaqt li tiċħad ir-raba' u s-sitt talba rikonvenzjonali, u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha tal-Artikoli 48 tal-Kodiċi Ċivili, inkluz id-dekadenza mid-dritt li l-konvenut jitlob il-manteniment minn għand l-attriċi.*

*4. Tiċħad il-ħames talba attriċi u rikonvenzjonali.*

*5. Tilqa' s-seba' talba rikonvenzjonali u tassenja l-proprjeta' parafernali lill-konvenut.*

*6. Tiċħad it-tmien talba rikonvenzjonali.*

*7. Tilqa' is-sitt talba attriċi u tawtorizza lill-attriċi tiriverti għal kunjom xbubitha u ċioe' "Camilleri", ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.*

*8. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' talba attriċi.*

*9. Tilqa' d-disa' talba rikonvenzjonali u tordna r-reġistrazzjoni ta' din is-sentenza mad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku wara li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat*

*Bl-ispejjez kollha għandhom ikunu sapportati mill-konvenut."*

7. Il-konvenut appella minn din is-sentenza aggravat dwar dak deċiż fir-rigward:

i. tar-responsabbilita` għat-tifrik taż-żwieġ;

ii. tad-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fir-rigward:

- in-nuqqas ta' ordni sabiex l-appellata tirrifondih nofs il-valur tal-immobbli mixtrija fiż-żwieġ li ġew assenjati lilha;
- l-ordni tal-ewwel Qorti sabiex jirrifondi lill-appellata s-somma ta' €18,244.1 bħala sehemha minn dik is-somma '*illi kienet ġiet allegatament misruqa'*;

- tan-nuqqas ta' ordni tal-ewwel Qorti sabiex l-appellata tirrifondih lura is-somma ta' €46,000 rappreżentanti sehmu mis-somma ta' Lm40,000 miżmuma d-dar mill-partijiet u li allegatament serqet l-appellata.

Konsiderazzjonijiet.

8. L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda r-responsabbilita` għat-tifrik taż-żwieġ. Jilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti ma kkunsidratx provi illi jikkonfermaw illi kienet proprju l-appellata responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ, u ċioe`: (i) sentenza li fiha l-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) osservat li l-appellata għandha aġenda moħbija, m'hijiex xhud attendibbli u rnexxielha tikkonvinċi lil uliedha jixhdu kif xehdu; u (ii) ir-relazzjoni adultera tal-appellata ma' Dave Macbay konfermata bil-fatt li kien xtralha karozza bħala rigal għal *birthday*. F'dan il-kuntest għamel referenza għal dak li qalet l-appellata meta xehdet fis-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2010. L-appellant jistaqsi, *"Huwa verosimili illi persuna jixtri vettura għall-għeluq snin persuna tas-sess oppost għas-sempliċi raġuni illi huwa jkun ħabib tal-familja?"*. Jilmenta li din iċ-ċirkostanza ma ngħatatx piż mill-ewwel Qorti.

9. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar responsabbilita` kienu dawn:

*"Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, waslet għal konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Konsegwentement il-Qorti tqis li hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.*

*Il-partijiet jipproduċu zewġ verzjonijiet differenti għaliex iz-zwieġ tagħhom tkisser b'mod irrimedjabbli. L-attriċi tikkontendi illi z-zwieġ tal-partijiet falla minħabba adulterju, theddid, vjolenza u nuqqas ta' kontribuzzjoni finanzjarja lejn il-familja da parti l-konvenut. Min-naħa l-oħra l-konvenut jgħid illi z-zwieġ falla proprju minħabba adulterju da parti l-attriċi u kif ukoll l-attitudni u l-provokazzjoni tagħha, liema aġir irrendilu ħajtu infern.*

*Il-Qorti tibda sabiex tinnota illi rigward l-allegati relazzjonijiet adulteri taz-zewġ partijiet ma ġewx ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi.*

*Min-naħa waħda l-konvenut jispjega li martu kellha relazzjoni ma' ċertu Dave Macbay, raġel ta' nazzjonalita' Ingliza li kull darba li jiġi Malta kien jalloġġja ruħu fil-lukanda li fiha l-attriċi għmalet xi snin taħdem. Jispjega li din il-ħbiberija ma' Dave Macbay bdiet mis-sena 1995, u kien talab il-kunsens tal-konvenut sabiex joħroġ mal-attriċi, liema kunsens qatt ma ingħata mill-konvenut. Madanakollu, hekk kif jallega l-konvenut, Dave Macbay xorta waħda kellu kunfidenzi mall-attriċi u kien jibgħatilha numru ta' ittri.  Il-Qorti tinnota li dawn l-allegazzjonijiet ma ġewx minimament ippruvati, tant li l-konvenut ikkonferma li "meta kont Malta jien ma kinitx tmur (miegħu) izda meta kont inkun il-Libja ma nafx x'kienet tagħmel". Għaldaqstant dan ikompli jikkonferma li r-relazzjoni bejn l-attriċi u Dave Macbay ma hijiex ppruvata u miċħuda b'mod kategoriku mill-attriċi. Il-Qorti tevalwa li ma hemm l-ebda prova dwar l-allegata relazzjoni, dwar l-ittri li kien jibgħatilha, dwar l-karozza li xtralha, jew dwar l-allegazzjoni li Dave Macbay ried "ipartat il-mara tieghi mat-tifla tieghu". Għaldaqstant il-Qorti ma tistgħax tkun konvinta li l-attriċi kellha relazzjoni extra-maritali li minħabba tali z-zwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli.*

*Il-Qorti lanqas ma tista' tkun konvinta li z-zwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser minħabba relazzjoni adultera li seta' kellu l-konvenut. L-attriċi allegat illi zewġha għandu relazzjoni ma' raġel ieħor, li l-identita' tiegħu ma ġietx magħrufa lill-Qorti. Għalkemm mill-atti proċesswali jissemma' ċertu raġel bl-isem ta' Noel, ma ġiex ikkonfermat jekk dan kienx l-istess individwu li allegatament miegħu għandu relazzjoni l-konvenut. L-unika prova li tipprovdi l-attriċi fir-rigward ta' dan, hi l-ittra li sabet fuq l-imħadda tagħha nhar Jum il-Missier tas-sena 2005.  Il-Qorti tinnota li minkejja li din l-ittra ma hijiex iffirmata mill-konvenut, ma għandha l-ebda dubju li kien il-konvenut li kiteb l-istess ittra bl-intiza li jagħtiha lil martu sabiex jirrileva b'mod ċar u dirett li huwa omosesswali. Din il-konkluzjoni da parti l-Qorti hija bbazata mis-segwenti raġunijiet. Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota li din l-ittra hi indirizzata lil "x-mara", fejn l-awtur tal-ittra jgħid illi għalkemm għadda perjodu ta' sebgħa u għoxrin*

*(27) sena, dakinhar tal-ittra, l-attriċi kellha tkun konsapevoli li min kitibha huwa omosesswali. F'dan ir-rigward il-Qorti tikkalkula illi l-awtur tal-ittra u r-reċipjent tal-istess ilhom jafu lil xulxin sa mis-sena 1978 u fil-fatt mill-atti proċesswali jirrizulta illi l-partijiet ilhom jafu lil xulxin sa minn tali sena, tant li wara sitt (6) snin għerusija zzewġu fl-1984. Fit-tieni lok, l-awtur tal-ittra jiddikjara "skuzani jekk forsi dhaqt bik… u jien mhux sewwa inkompli nahbi minnek ghax bhalma jghidu z-zejt jitla' f'wicc l-ilma". Magħdud ma' dan, l-awtur ikompli billi jgħid "forsi l-boyfriend ghalhekk talabni l-permess ghax mal-ewwel induna li jien". Dan il-kliem ikompli jikkombaċa u jikkonferma dak dikjarat mill-attriċi fejn irrilevat li zewġha kien jagħmel ħafna affarijiet minn wara daharha. Magħdud ma' dan, din l-ittra tikkonferma ukoll dak ddikjarat mill-konvenut u ċjoe' li kien hemm persuna li talbitu l-permess sabiex joħroġ ma' martu. Fit-tielet lok, il-Qorti tinnota mill-atti proċesswali li l-konvenut fl-ebda waqt ma jikkontesta jekk dik l-ittra kitibiex hu o meno, izda sempliċiment jgħid li hu ma jaqfx jaqra. Madanakollu, il-Qorti ma temminx lil konvenut li ma jafx jaqra u dan meta hu stess kiteb fuq wieħed mid-dokument esebiti fl-atti ta' din il-kawza fejn jgħid għal darbtejn "dan ir-ritratt juri li jien Twanny…". Fid-dawl ta' dawn il-punti, il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-ittra esebita mill-attriċi hi miktuba mill-konvenut u għalkemm ma tikkonstatax adulterju da parti l-konvenut, xorta waħda kkontribwixxiet ferm sabiex iz-zwieġ ta' bejn il-partijiet jinkiser darba għal dejjem.*

*Ikkonfermat li ma kien hemm l-ebda prova suffiċċjenti rigward l-allegati relazzjonijiet adulteri da parti l-partijiet, il-Qorti sejra tkompli tevalwa r-raġuni wara t-tkissir taz-zwieġ in kwistjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għall-allegata vjolenza, theddid u nuqqas ta' kontribuzzjoni finanzjarja da parti l-konvenut. Il-Qorti tibda sabiex tevalwa l-episodji ta' vjolenza u aggressjoni kollha imsemmija mill-attriċi u uliedha, u kif ukoll is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) u l-Qorti tal-Appell Kriminali. Jidher illi mill-isemmija Qrati ġew deċizi erba' (4) sentenzi u ċjoe':*

*(i) Pulizija vs Anthony Pisani, bin-numru 494/2006 deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Ġudikatura Kriminali) nhar il-15 ta' Marzu 2011, li in vista tan-nuqqas ta' provi u l-preskrizzjoni, il-Qorti ddeċediet billi ssib lil konvenut mhux ħati tal-akkuzi u tilliberah minnhom. Din is-sentenza ġiet appellata, u nhar it-13 ta' Ġunju 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza Pulizija vs Anthony Pisani, bin-numru 167/2011, iddeċediet billi "tiddisponi mill-appell billi tichad l-appell in kwantu giet mitluba r-revoka tas-sentenza appellata fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni, tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet min-numru tnejn san-numru tnax, izda tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat lill-appellat mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjarah hati taghha u b'mod specifiku talli fil-11 ta' Mejju 2006 f'Marsaskala, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' martu Mary Rose Pisani f'periklu car, ikkagunalha offizi ta' natura hafifa";*

*(ii) Pulizija vs Anthony Pisani, bin-Numru 227/2005 deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Ġudikatura Kriminali) nhar is-17 ta' Frar 2012, fejn il-Qorti sabet "lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) mil-lum". Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Frar 2013.*

*Il-Qorti tinsab konvinta illi l-konvenut kapaċi jkun vjolenti u aggressiv, u dan kif jixhdu proprju s-sentenzi hawn fuq imsemmija. Għaldaqstant ma jistgħax jingħad illi da parti l-konvenut kien hemm atti ta' vjolenza singolari u izolati. Għalkemm kien hemm numru ta' akkuzi li tagħhom il-konvenut ma nstabx ħati, il-Qorti pero' tevalwa li dan ma setgħax isir stante n-nuqqas ta' provi mill-prosekuzzjoni u kif ukoll abbazi tal-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Madanakollu huwa stat ta' fatt li l-konvenut huwa persuna b'demmu spont, li kapaċi jkun vjolenti fizikament jekk persuna tikkuntrarjah. Barra minn hekk, il-vjolenza domestika ma tieħux biss forma fizika, izda anke' emozzjonali u morali. Mill-atti proċesswali huwa kristallizzat illi l-attriċi kienet għaddejja minn theddid u vjolenza emozzjonali kontinwa mill-konvenut u dan stante n-natura sesswali tiegħu. Il-Qorti terġa' tissottolineja illi l-konvenut fl-ebda waqt ma nnega jew attakka l-ittra esebita mill-attriċi dwar ir-rivelazzjoni tan-natura sesswali tal-konvenut. Il-konvenut lanqas ma attakka l-kredibilita' tal-attriċi rigward l-allegazzjonijiet tagħha fil-konfront tiegħu dwar l-omosesswalita' tiegħu, ir-rapporti sesswali tagħhom, it-theddid sabiex ikollhom relazzjonijiet sesswali skont kif dettat mill-konvenut stess u t-theddid li hemm rġiel imġinen għal warajh. Għaldaqstant, il-Qorti ma għandhiex ma temminx il-verzjoni attriċi illi minkejja li l-partijiet izzewwġu fl-1984, kien proprju wara l-istess zwieġ li l-konvenut beda ftit ftit jagħti lill-attriċi x'tifhem li għandu ġibdiet sesswali lejn irġiel oħra, kif ukoll rifless fir-relazzjoni sesswali tagħhom fejn l-attriċi kienet tiġi furzata tagħmel dak li ma tridx. Għaldaqstant is-suespost jammonta għal vjolenza fizika u emozzjonali, kif ukoll theddid u moħqrija fuq il-persuna tal-attriċi. B'hekk il-Qorti ma tistgħax ma tkunx sodisfatta li l-konvenut huwa ħati ta' minaċċi, moħqrija u inġurji gravi fil-konfront ta' martu. Madanakollu l-Qorti tinnota li ma hemm l-ebda prova li l-konvenut huwa ħati ta' eċċessi u dan għaliex minkejja li l-allegazzjoni attriċi li kien hemm ċirkostanzi fejn il-konvenut poġġa ħajjet l-attriċi f'periklu, dan qatt ma ġew pruvati skont il-grad rikjest mil-liġi, tant illi l-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) u l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermaw li f'dan ir-rigward il-konvenut ma huwiex ħati għajr għal feriti ta' natura gravi.*

*Fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-konvenut lejn il-bzonnijiet ta' familtu, il-Qorti tinnota li wara evalwazzjoni reqqa tal-proċess ma sabet l-ebda prova li tikkorrabora l-allegazzjoni tal-attriċi. Il-Qorti tinsab rinfaċċjata b'zewġ verzjonijiet kunfliġġenti, fejn l-attriċi tisħaq li qatt ma kien ikollha flus f'idejha, filwaqt li l-konvenut jgħid illi l-flus li kien jaqla' kien jgħaddihom lil martu. Għalkemm il-Qorti ma teskludix li jista' jkun minnu li l-konvenut ma kienx jikkontribwixxi finanzjarjament għal bzonnijiet ta' familtu u dan tenut kont tal-karattru vjolenti u aggressiv*

*tiegħu, il-Qorti xorta waħda ma tinsabx f'posizzjoni li tikkonkludi favur l-attriċi meta ma pprovdietx prova inekwivoka li tikkorrabora l-verzjoni tagħha. Il-Qorti tinnota li ma nġabet l-ebda prova tal-introjtu li kellhom il-partijiet matul iz-zmien, prova dwar jekk tali introjtu kienx jidħol direttament ġo kont bankarju jew permezz ta' ċekk li kien jissarraf minnhom, statements bankarji u rendikont tat-transazzjonijiet sabiex il-Qorti tkun tista' tevalwa kif kienet tgħix il-familja Pisani sakemm damu jgħixu bħala familja. Fin-nuqqas ta' dawn il-provi, tali allegazzjoni ma tistgħax tiġi meqjusa minn din il-Qorti.*

*Min-naħa l-oħra u fir-rigward ta' dak allegat mill-konvenut rigward l-attitudni u l-provokazzjoni tal-attriċi, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali ma jidher xejn li juri kif l-attriċi kellha attitudni kerha miegħu jew li kienet tipprovokah. L-unika prova li tixhed fuq l-attitudni tal-attriċi kienet is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) surreferita, deċiża nhar il-15 ta' Marzu 2011, fejn il-Qorti rribadiet illi "Il-Qorti thoss li verament il-kwerelanti ghandha agenda mohbija 'l ghala ghaddiet lil zewgha f'dan il-kaz kriminali. Il-Qorti hija konvinta li l-imputat mhux xi bniedem kalm jew ahjar simpatiku, w dan anke mill-manjiera kif xehed, pero' thoss li l-kwerelanti Maryrose Pisani mhix xhud attendibbli w li rnexxielha tikkonvinci lil uliedha biex jixhdu bil-mod kif xehdu. Meta kienet fil-pedana tax-xhieda kienet wisq prepotenti w riedet tghid iktar milli fil-fatt kienet preparata li tghid, billi zzejjen diskorsha". Madanakollu dak li saħqet dwaru l-Qorti tal-Maġistrati ma għandux bilfors japplika għal kaz li għandha quddiemha din il-Qorti għaliex kull kaz għandu l-fattispeċji singolari tiegħu u l-Qorti għandha l-obbligu li tizen dak li jkun miġjub quddiemha. Din il-Qorti ma tħossx li f'din il-kawza speċifika, l-attriċi kienet kontradittorja, inkonsistenti jew esaġerata fi kliemha. Magħdud ma' dan, il-Qorti tissottolineja li l-konvenut stess ma kkontradixxiex il-verzjoni tal-attriċi bil-konsegwenza li l-verzjoni attriċi ħadet iktar saħħa u dan fin-nuqqas ta' provi li jikkontradixxu u jizvalutaw l-imsemmija allegazzjonijiet. Għaldaqstant il-Qorti ma tistgħax issib lill-attriċi ħatja ta' minaċċi, eċċessi, moħqrija, inġurji gravi u swat, kif allegat mill-konvenut.*

*Tenut kont tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li ma hemm l-ebda dubju li l-aġir tal-konvenut kif irrappurtat f'din is-sentenza, irrenda l-ħajja komuni bejn il-partijiet insapportabbli, bil-konsegwenza li l-partijiet isseparaw de facto minn xulxin, fejn sussegwentament il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali nhar it-30 ta' Mejju 2006. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni valida għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija għat-tkissir taż-żwieġ tiġi attribwita unikament lil konvenut. Għaldaqstant, il-Qorti ssib lil konvenut ħati ta' inġurji gravi stante l-vjolenza fizika u emozzjonali, kif ukoll theddid u moħqrija fuq il-persuna tal-attriċi, filwaqt li ma ssib l-ebda ħtija da parti l-attriċi fil-konfront tal-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut għandu jkun ħati tal-firda mid-19 ta' Ġunju 2005, liema data hija mnizzla fuq l-ittra intiza għall-attriċi mill-konvent rigward l-orjentazzjoni sesswali tiegħu fejn irrefera għall-attriċi bħala ex martu."*

10. Jirriżulta minn dan illi kuntrarjament għal dak allegat mill-appellant il-Qorti qieset bir-reqqa l-provi kollha mressqa mill-partijiet *inter alia* s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Marzu 2011 partikolarment fejn ingħad illi l-appellata (f'dak il-każ kienet kwerelanti) għandha aġenda moħbija, m'hijiex xhud attendibbli u rnexxielha tikkonvinċi lill-uliedha jixhdu kif xehdu. Madanakollu, il-Qorti qieset li ma kinitx marbuta b'dik l-osservazzjoni għaliex mill-provi mressqa quddiemha ma kinitx sodisfatta li l-appellata tat verżjoni kontradittorja, inkonsistenti jew eżaġerata.

11. Il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dan ir-rigward u l-ewwel Qorti kellha dritt li tasal għal dik il-konklużjoni.

12. Fl-ewwel lok, għalkemm l-appellant huwa fattwalment korrett meta qal li l-ġbir tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali seħħ *viva voce* filwaqt li f'dan il-każ il-provi tressqu jew b'affidavit jew quddiem assistent ġudizzjarju. B'daqshekk ma jfissirx l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kellu jiġi applikat awtomatikament fil-kawża odjerna mingħajr ebda konsiderazzjoni ulterjuri għall-fatti hawn miġbura. Dak li ma jgħidx l-appellant huwa li biex għamel il-kontro-eżami tal-appellata ħa xejn inqas minn <u>tmien</u> seduti quddiem l-assistent ġudizzjarja f'perjodu ta'

kważi tliet snin.[4] Tul dak iż-żmien kollu l-appellant fl-ebda ħin ma talab lill-Qorti sabiex tisma' l-kontro-eżami tal-appellata sabiex tkun f'pożizzjoni tiġġudika *di prima mano* il-mod kif tixhed.

13. Irid jissemma wkoll li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Marzu 2011 kienet varjata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Ġunju 2012[5] billi filwaqt li kkonfermat li l-appellant ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed u tlieta sa tnax, sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni, ossija talli fil-11 ta' Mejju 2006, mingħajr ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' martu Mary Rose Pisani f'periklu ċar, ikkaġunalha offiżi ta' natura ħafifa u ordnatlu jintrabat għal perjodu massimu ta' tnax-il xahar li ma jimmolesta bl-ebda mod lill-imsemmija martu taħt penali ta' €1,000. F'dik is-sentenza il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li minkejja *"ċ-ċaħda ġenerali li għamel l-appellat, hija tal-fehma li l-imputazzjoni li l-appellat għamel offiżi ta' natura ħafifa fuq martu hija ben assodata"* u tat ir-raġunijiet kif waslet għal dik il-konklużjoni. Dan apparti li b'sentenza oħra mogħtija fil-21 ta' Frar 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-17 ta' Frar 2012 li biha sabet lill-appellant ħati talli fis-17 ta' Frar 2005, mingħajr ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' bintu Annrina f'periklu ċar, ħebb għaliha u kkaġunalha ġrieħi ta' natura gravi u kkundannatu għal tmintax (18)-il

[4] Fol. 92 - 94, 100 - 102, 119 - 120, 126 - 128, 147 - 150, 156 - 158, 167 - 169 u 188 – 189.
[5] Fol. 216 et seq.

xahar priġunerija sospiżi għal sentejn. Jirriżulta li kien kiser imnieħer it-tifla. Dan meta l-appellat xehed li huwa qatt ma refa' jdejh fuq martu u fuq it-tfal (seduta tat-28 ta' Ottubru 2016).[6] Is-sentenzi tal-qrati juru mod ieħor. L-affidavit tan-Nutar Elizabeth Sciriha[7] jagħti stampa tas-sitwazzjoni xejn feliċi fid-dar matrimonjali tal-partijiet b'riżultat tal-atteġġjament tal-appellant u li waslet ukoll biex tinħoloq firda bejn il-familji.

14. Fil-proċeduri odjerni, il-verżjoni tal-appellata dwar in-natura vjolenti tal-appellant tirriżulta għalhekk hi korraborata minn sentenzi tal-qorti.

15. Rilevanti ukoll il-fatt li l-appellant ma jilmentax dwar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn <u>huwa</u> instab responsabbli għal vjolenza fizika u emozzjonali, kif ukoll theddid u moħqrija fuq il-persuna tal-appellata. Jippretendi iżda li l-appellata kellha tinsab unikament ħatja għat-tifrik taż-żwieġ minħabba relazzjoni adultera li jgħid li kellha ma' ċertu Dave Macbay,[8] Ingliż ta' 85 sena. Jikkontendi li prova ta' tali relazzjoni tikkonsisti fil-fatt li l-imsemmi Dave Macbay kien xtralha karozza għal għeluq sninha kif konfermat mill-appellata stess fix-xhieda tagħha tat-22 ta' Ottubru 2010.

---

[6] Fol. 317.
[7] Ara affidavit tal-5 ta' Mejju 2010.
[8] F'traskrizzjonijiet oħra ssir referenza għalih bħala Dave McKay/McVain/Macvein.

16. Mill-provi in atti, il-Qorti temmen illi Dave Macbay kellu interess fl-appellata iżda dan ma jfissirx illi l-appellata effettivament ċediet għall-avvanzi tiegħu u tatu wiċċ. Fix-xhieda tagħha tat-22 ta' Ottubru 2010 xehdet li, '*kif bdiet ġejja l-kunfidenza jien qtajt il-kuntatti kollha.'*[9]

17. Da parti tiegħu l-appellant xehed illi '*l-ħbiberija mal-Ingliż bdiet fl-1995'*[10] u kien talbu '*biex jieħu l-mara weekend break'*.[11] Igħid li huwa kien irrifjuta u li meta kien ikun Malta l-appellata ma kinitx tmur ma' dan l-Ingliż iżda meta kien ikun xogħol il-Libja ma jafx x'kienet tagħmel. Kliem li jikkonferma li l-allegat adulterju huwa biss ħsieb tal-appellant u xejn iktar.

18. Fl-istess xhieda, filwaqt li jallega li martu damet f'relazzjoni ma' dan l-Ingliż snin, jgħid li huwa mar l-Ingilterra għand l-istess individwu għal ħames ġimgħat bl-intenzjoni li jgħinu jsib xogħol. Jgħid li '*Ma ħassejtnix skomdu għax mort biex insaqsih hux qiegħed mal-mara'* u filwaqt li Dave Macbay wieġbu fl-affermattiv, ipproponielu ipartat l-appellata ma' bintu. Jgħid li xtralu ukoll gazzetta biex jagħżel in-nisa minn fuqha. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen li dan kien id-diskors bejniethom meta l-appellant baqa' jgħix għand Macbay għal ħames ġimgħat sħaħ, jaħdem fid-dar ta'

[9] Fol. 128.
[10] Fol. 303.
[11] Fol. 311.

ibnu b'xejn u jieħu r-ritratti miegħu u mal-familja tiegħu qisu xejn mhu xejn.[12]

19. Fir-ritratti eżebiti mill-appellant a fol. 338 u 339 l-istess raġel ta' nazzjonalita` Ingliża jidher jiekol ma' mejda flimkien ma' xi familjari tal-appellata u preżumibilment ulied il-partijiet. Hija għalhekk aktar plawsibbli l-verżjoni tal-appellata li dan l-Ingliż kien ħabib tal-familja milli ħabib intimu tagħha. X'aktarx li jekk l-appellata kellha relazzjoni intima ma' Dave Macbay kienet tiltaqa' miegħu minn wara dahar kulħadd u mhux tintroduċih lill-familja. Apparti dan, il-fatt stess li l-imsemmi Ingliż talab lill-appellant biex iħallieh imur *weekend breaks* mal-appellata u saħansitra biex 'ipartat' lil martu ma' bintu, iktar jindika li l-appellata ċaħdet l-avvanzi tiegħu. F'dan il-kuntest il-Qorti qed tifhem ukoll li dan l-Ingliż kien xtralhom karozza biex jipperswadihom jaċċettaw il-proposti tiegħu iżda l-appellata irrifjutat.[13]

20. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant m'għamilx argumenti li jikkonvinċu lil din il-Qorti li l-ħtija għas-separazzjoni kienet ta' martu. Il-provi li hemm fl-atti jagħtu stampa ferm differenti minn dik li pprova jpinġi l-konvenut, li akkuża lil martu li kellha relazzjoni ma' raġel ta' 85 sena. Allegazzjoni li m'hijiex sostanzjata minn provi ċari u kredibbli.

[12] Fol. 316 *et seq*.
[13] Fol. 127.

21. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju.

22. It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju tal-appellant jirreferu għad-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, ossija, dwar l-immobbli mixtrija fiż-żwieġ; ir-rikavat tal-bejgħ tal-appartament ta' Ħaż-Żabbar; u s-somma ta' Lm40,000.

23. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jilmenta speċifikament mis-segwenti parti tas-sentenza appellata:

> *"Fir-rigward tal-mobbli, il-Qorti tassenja lill-attriċi dawk il-mobbli elenkati minnha fid-dokument tagħha man-nota ġuramentata taħt il-parti mmarkata 'affarijiet mixtrija waqt iz-zwieġ' liema mobbli skont l-attriċi għandhom il-valur ta' €5,562. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-mobbli l-oħra li jammontaw għal valur ta' €19,513, liema somma mhux qiegħda tiġi kkontestata mill-konvenut, il-Qorti qiegħda tassenja dawn il-mobbli lill-konvenut u dan tenut kont li dawn diġa' jinsabu fil-pusess tiegħu, filwaqt li tordnalu jirrifondi lura lill-attriċi s-somma ta' €9,756.50 rapprezentanti sehemha mill-istess mobbli."*

24. L-appellant jikkontendi li filwaqt li huwa ġie ordnat jirrifondi nofs is-somma globali tal-immobbli assenjati lilu, l-appellata ma ġietx ordnata tirrifondih nofs il-valur ta' dak assenjat lilha.

25. Il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet bdiet meta żżewġu fit-30 ta' Settembru 1984. Għalkemm is-separazzjoni personali bejniethom ġiet pronunzjata bis-sentenza appellata, il-Qorti tal-ewwel istanza sabet lill-appellant ħati ta' inġurji gravi stante vjolenza fiżika u emozzjonali, kif ukoll theddid u moħqrija fuq il-persuna tal-attriċi u konsegwentement stabbiliet

li għandhom japplikaw kontrih l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili. Għall-finijiet tal-istess artikolu qalet li d-data minn meta l-appellant sar ħati tal-firda kienet id-19 ta' Ġunju 2005.

26. L-affarijiet mixtrija waqt iż-żwieġ li ġew assenjati lill-appellata, bil-valur skont l-appellata ta' €5,562, huma: television; freezer; fridge; washing machine; cooker; dehumidifier; heater tal-gas; linfa u brazzi tas-salott; lampshade u linfa tal-kamra tas-sodda; fan u dawl tat-tfal; kamra tal-ikel u 5 bibien tal-kewba fid-dar ta' Ħaż-Żabbar. M'hemm xejn li jindika li l-oġġetti msemmija, jew uħud minnhom, nxtraw wara d-data tad-19 ta' Ġunju 2005. Għaldaqstant l-appellant għandu raġun jilmenta illi hu dovut sehmu minn dawk l-oġġetti.

27. L-appellata min-naħa tagħha wieġbet illi l-ewwel Qorti ma pprovdietx sabiex hija tiġi mogħtija lura l-mobbli parafernali tagħha li jinsabu fil-fond parafernali tal-appellant, jew fejn dan mhux possibbli, li jħallas il-valur tagħhom. Issostni li dawn għandhom valur ta' €4,879[14] u tikkontendi li '*allura dan awtomatikament jiġi paċut bil-fatt illi l-esponenti żżomm il-mobbli tal-komunjoni tal-akkwisti kif indikat mingħajr il-ħtieġa li tħallas nofs il-valur tagħhom lill-appellant.'*

[14] Fol. 23.

28. L-appellata m'għamlitx talba sabiex tingħata l-beni parafernali. Għalhekk qiegħda llum titlob xi ħaġa li ma talbitx.

29. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi milqugħ fis-sens illi s-somma dovuta mill-appellant lill-appellata għall-oġġetti mixtrija fiż-żwieġ assenjati lilu qed tiġi ridotta b' €2,781, ossija nofs il-valur ta' dak assenjat lill-appellata mill-affarijiet mixtrija waqt iż-żwieġ. Isegwi li l-bilanċ dovut mill-appellant lill-appellata għall-assenjazzjoni tal-immobbli mixtrija fiż-żwieġ huwa ta' <u>€6,975.50</u>.

30. Permezz tat-<u>tielet</u> aggravju l-appellant jirreferi għall-allegat rikavat tal-bejgħ tal-appartament ta' Ħaż-Żabbar. Jikkontendi li l-ammont tar-rikavat mhux sodisfaċjentement ippruvat u li lanqas ma tirriżulta prova li tali somma ttieħdet minnu.

31. Ir-raġunament tal-ewwel Qorti kien dan:

> *"Fir-rigward ta' dawk l-assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti telenka s-segwenti:*
>
> *...*
>
> *f. Ir-rikavat mill-bejgħ tat-tieni appartament f'Ħaz-Zabbar, li dwar is-somma rikavata hemm disgwid bejn il-partijiet għaliex l-attriċi tgħid li s-somma tvarja bejn LM16,000 u LM23,000 filwaqt li l-konvenut jgħid li s-somma kienet dik ta' LM40,000.*
>
> *F'dan ir-rigward il-Qorti tibda sabiex tenfasizza li ma hemm l-ebda prova dwar l-allegat rikavat. Il-Qorti tinnota li ma ġie pprezentat ebda kuntratt ta' bejgħ sabiex b'hekk jiġi identifikat l-ammont in kwitsjoni. Lanqas ma ġie ippruvat li s-somma in kwistjoni kienet tinkludi ukoll parti mill-introjtu tal-konvenut. Wara evalwazzjoni taz-zewġ verzjonijiet, il-Qorti rat li minkejja li l-attriċi allegat li kien sar rapport minn zewġha lil Pulizija dwar is-somma ta' €40,000 u li għandha recording li jivverifika*

*li l-flus ħadhom il-konvenut, minn dawn il-provi ma ġie esebit xejn. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jikkontendi li s-somma ta' €40,000 in kwistjoni ġew minn ishma tal-Bank of Valletta u tfaddil tal-introjtu tiegħu. Jigħid ukoll illi f'Diċembru tal-2005 wara li ġie lura mil-Libja ma sabx il-flus u mar jagħmel rapport mal-Pulizija. Skont il-konvenut, dawn il-flus ġew mislufa lil binthom Annrina sabiex tixtri post Ħaz-Zabbar.*

*Il-Qorti tinnota li l-verzjoni tal-konvenut hija inverosimili in vista tal-fatt li ġie ppruvat li bintu Annrina flimkien ma' zewġha Angelo Camilleri sselfu is-somma ta LM42,500 sabiex xtraw il-fond ġewwa Ħaz-Zabbar. Barra minn hekk il-Qorti tinnota ukoll li minn xi statements bankarji esebiti mill-konvenut jidher li nhar is-26 ta' Awwissu 2003 kienet inġibdet is-somma ta' LM15,660 ekwivalenti għal €36,488.33, li skont il-konvenut tali somma inġibdet mill-mara. Mill-atti ma ġiex ikkontestat li dan l-ammont in kwistjoni jifforma parti mis-somma allegata ta' LM40,000. Din il-Qorti ma għandhiex il-fakolta' li tiddikjara lil xi ħadd ħati li seraq il-flus, izda tinsab moralment konvinta li dawn jinsabu fil-pussess tal-konvenut. Jibda sabiex jingħad li l-verzjoni tal-konvenut a kuntrarju tal-attriċi hija kontradittorja u inkonsistenti għaliex xi drabi jweħħel f'bintu Annrina u drabi oħra f'martu. Barra minn hekk il-Qorti tevalwa li fid-19 ta' Ġunju 2005 u ċjoe' ftit xhur qabel l-allegat serq ta' flus mid-dar matrimonjali, il-konvenut jien diġa' jirreferi għall-attriċi bħala ex-mara u għaldaqstant jagħti x'jifhem li z-zwieġ tagħhom kien ser jitkisser minn tali data. B'hekk fil-fehma tal-Qorti kieku l-attriċi riedet b'xi mod tirritalja lura għad-dikjarazzjoni tal-konvenut u dan billi tieħu l-flus tal-komunjoni tal-akkwisti, din setgħat tagħmel dan mingħajr ma tavzah. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma temminx l-verzjoni tal-konvenut u se mai kieku l-verzjoni tiegħu kienet vertiera dan kien jara u jkun fiċ-ċert li l-Pulizija tmexxi kontra l-attriċi sabiex b'hekk tinstab ħatja, izda mill-provi prodotti dan ma jidhirx li ġara.*

*...*

*Fir-rigward tal-flus tal-partijiet, il-Qorti tordna li l-konvenut għandu jirrifondi s-somma ta' €18,244.16 bħala sehem l-attriċi minn dik is-somma li kienet ġiet allegatament misruqa."*

32. Isegwi minn dan illi, kuntarjament għal dak li fehem l-appellant, ir-rifużjoni ordnata mill-Qorti tal-ewwel istanza fis-somma ta' €18,244.16, sabiex titħallas mill-appellant lill-appellata, ma kenitx konġettura tal-ewwel Qorti iżda tirrapreżenta <u>nofs is-somma ta' €36,488.33 li nġibdet</u>

minn kont bankarju konġunt bejn il-partijiet fis-26 ta' Awwissu 2003.[15] Somma ta' flus li bla dubju għalhekk kienet teżisti u ġiet imfaddla mill-partijiet irrispettivament mill-*quantum* preċiż tar-rikavat mill-bejgħ tal-fond sovrastanti d-dar matrimonjali f'Marsascala.

33. Minn dak li xehed l-appellant stess, din il-Qorti fehmet li meta nbiegħ l-appartament sovrastanti d-dar matrimonjali f'Marsascala, il-partijiet investew ir-rikavat f'diversi *funds* tal-Vilhena Funds SICAV p.l.c. Skont Dok 'VFM1'[16], preżentat mill-appellant stess. Dan kien fit-28 ta' Settembru 1999. Investiment mifdi fit-22 ta' Ottubru 2001 għall-valur komplessiv ta' Lm15,691.75 (€36,551.19) liema somma ġiet sussegwentement depożitata f'kont konġunt *long term* f'isem iż-żewġ partijiet.[17] Fil-fatt, l-*opening balance* hu kważi l-istess somma ta' *net amount in fund currency* tal-*funds* ħlief għal somma negliġibbli li x'aktarx kienu *transaction charges.* Dik is-somma baqgħet depożitata sakemm inġibdet f'*cash early payment* ta' Lm15,660.23 fis-26 ta' Awwissu 2003.

34. Fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2016 l-appellant xehed[18] illi '*d-dar kellna Lm40,000 ... il-flus ġew minn shares BoV u parti ġemmajthom mix-xogħol li kont naħdem ... fuq ir-rigs taż-żejt. Ix-shares tal-BoV konna sarrafnihom u l-flus tfajnihom fejn konna nżommu l-flus.'* Fit-28 ta' Ottubru 2016, l-

[15] Fol. 322.
[16] Fol. 163 – 165.
[17] Dok. AP (2) a fol. 326 et seq.
[18] Fol. 311.

appellant xehed imbagħad illi '*dawn ġibdithom il-mara meta kont imsiefer. Jien iffirmjat għalihom imma l-flus kollha hi ħadithom u huma parti mill-Lm40,000 maltin li għebu.'*[19] Xehed li sar jaf li l-flus tathom lit-tifla biex tixtri fond fi Triq Bajada, Ħaż-Żabbar. M'hemmx prova li tikkorrabora dik il-verżjoni. Lanqas m'hemm prova li kif allega martu għamlet tajjeb b'garanzija għas-self li qal li ħadet binthom. Li jirriżulta hu li t-tifla Annrina fl-2006, flimkien ma' żewġha xtrat fond f'dik it-triq u ffinanzjatu permezz ta' self li ħadet mingħand il-Bank of Valletta plc.[20] Minn dak id-dokument lanqas ma jirriżulta li l-appellata għamlitha ta' garanti għas-self li ħadet binthom u żewġha.

35. Is-somma ta' Lm15,660.23 inġibdet minn kont bankarju konġunt fl-2003 meta l-partijiet kienu għadhom flimkien. Irrispettivament minn min minnhom ħa dik is-somma, jirriżulta illi: (i) dawn ġew moħbija mal-kumplament tal-flus li <u>l-appellant</u> kellu mwarrbin id-dar; u (ii) li minkejja li ż-żewġ partijiet kienu jafu fejn qegħdin moħbija[21] kien biss <u>l-appellant li jaf eżattament kemm hemm flus</u>. L-appellata, għalkemm ma kinitx ċerta dwar is-somma preċiża, dejjem sostniet li l-flus li kellhom id-dar kienu biss ir-rikavat mill-bejgħ tal-fond li jiġi fuq dak matrimonjali. Jekk titwemmen il-verżjoni tal-appellant li kien hemm Lm40,000, ifisser li kien iġemma flus u jaħbihom minn martu.

[19] Fol. 316.
[20] Ara kopja tal-kuntratt a fol. 332.
[21] Fol. 101, 148, 189.

36. L-appellata tgħid illi fit-23 ta' Diċembru 2005 għamel rapport dwar il-flus[22] wara allegata serqa mid-dar ta' Ħaż-Żabbar li hi l-proprjeta` parafernali tal-appellant.[23] Dan wara l-inċident serju li fih kienet involuta binthom Annrina fi Frar tal-istess sena[24] u wara l-ittra tad-19 ta' Ġunju 2005 li l-appellant indirizza lill-'*x-mara'.* Żmien meta fiż-żwieġ kien hemm inkwiet serju.

37. Ladarba l-appellant qabad u ħa l-flus mid-dar matrimonjali u poġġihom fid-dar parafernali tiegħu, irrispettivament x'sar minnhom wara li għamel dan, huwa għandu jagħmel tajjeb għas-sehem li kien jispetta lill-appellata.

38. Għaldaqstant tiċħad ukoll it-tielet aggravju.

39. Permezz tar-raba' aggravju l-appellant jilmenta mill-fatt illi l-Qorti tal-Ewwel grad '*ma aċċettatx it-teżi tiegħu illi kienet proprju l-attriċi appellata illi unilateralment ħadet fondi fl-ammont ta' Lm40,000 mill-fond matrimonjali.'* Jibbaża dan l-aggravju fuq dak li xehed u illi darba sar inkontru bejn l-avukati tal-partijiet, meta kien jippatroċinah Dr Mark Busuttil, fejn intqal li l-appellata ma kinitx sejra tinsisti fuq is-somma ta' Lm40,000. Skont l-appellant din hija prova ċara li l-flus ħadithom martu.

---

[22] Fol. 37.
[23] Fol. 147.
[24] Fol. 35.

40. Min-naħa l-oħra l-appellata wieġbet illi s-somma ta’ Lm40,000 ma tirriżulta minn imkien u hija biss ċifra li ħareġ biha l-appellant.

41. Mill-provi jirriżulta li l-appellat beda jaħdem barra minn Malta fis-sena 2000[25] u waqaf jaħdem fuq ir-rigs fis-sena 2005.[26] Għalkemm huwa xehed li kien jaqla’ madwar Lm300 kull ħmistax,[27] skont dokument preżentat mill-appellata, bejn l-14 ta’ Settembru 2005 u s-27 ta’ Ottubru 2005 kellu dħul ta’ Lm2,540.[28] L-appellata xehdet ukoll li hija qatt ma rat sold minnhom.

42. Jista’ jkun li sal-2005, apparti s-somma ta’ Lm15,660.23 li kienet ġiet żbankata mill-*Bank of Valletta,* l-appellant kien laħaq ġemma somma oħra ta’ madwar Lm24,500. Iżda b’daqshekk ma jfissirx li l-attriċi ħadet dawk il-flus. Minkejja li l-appellant jgħid li għamel rapport mal-pulizija, ma jirriżultax li ttieħdu proċeduri kriminali kontriha. Lanqas m’hemm prova li l-appellant kien ħa xi passi sabiex jiżgura li l-pulizija jieħdu passi kriminali kontra martu. Dan apparti li l-attriċi ċaħdet li qatt ħadet xi flus (ara fol. 101).

43. Dwar id-diskors li sar bejn l-avukati tal-partijiet,[29] skont Dr Busuttil sar f’kuridur tal-qorti. Verżjoni li skont l-appellant issaħħaħ il-verżjoni

---

[25] Fol. 189.
[26] Fol. 303.
[27] Ibid.
[28] Fol. 25.
[29] Fol. 330 et seq. u 427 *et seq.*

tiegħu. Hu minnu li d-difensur tal-appellata ma xehedx u lil Dr Busuttil ma sarlux kontro-eżami. Pero` ma jirriżultax li l-kliem sar fil-presenza tal-appellata. Dan apparti li l-appellata dejjem għamlitha ċara li sa fejn taf hi l-flus li kien hemm kienu biss mir-rikavat mill-bejgħ tal-fond, wara li ingħalqu l-investimenti, u sehemha minn dawk il-flus dejjem riditu.

44. Il-Qorti żżid li fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2016 l-appellant xehed li f'Novembru 2005 (qabel siefer) martu qaltlu li ser tmur tieħu l-flus u li wara li rritorna lejn Malta f'Diċembru 2005, ma sabhomx. Il-Qorti ma tqisx li dik il-verżjoni tirrifletti l-verita`. M'huwiex kredibbli li qabel siefer l-attriċi avżat lil żewġha li ser tieħu l-flus u fl-istess ħin iħallihom f'posthom u li kien biss wara li irritorna lura Malta li mar jivverifika. Dan f'perjodu meta kien hemm diġa` inkwiet fiż-żwieġ. Il-konvenut kompla li sar jaf li martu kienet selfet il-flus lil binthom sabiex tixtri fond f'Ħaż-Żabbar. Il-provi juru li meta t-tifla xtrat fond issellfet il-flus mingħand il-bank, u m'hemm l-ebda prova li martu dehret bħala garanti għad-dejn. Dan kollu jkompli joskura l-verżjoni tal-appellant.

45. Għalhekk tiċħad l-aħħar aggravju.

Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant limitatament kif hawn deċiż, billi:

(i) tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie ordnat jirrifondi lill-attriċi s-somma ta'

€9,756.50 fir-rigward tal-immobbli assenjati lilu, u tipprovdi minflok billi tordna lill-appellant jirrifondi lill-appellata is-somma ta' sitt elef disa' mija u ħamsa u sebgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€6,975.50) rappreżentanti l-bilanċ minnu dovut għall-assenjazzjoni tal-immobbli mixtrija fiż-żwieġ;

(ii) tiċħad l-aggravji l-oħra tal-appell u għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tas-7 ta' Lulju 2020.

Bl-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal 85% mill-appellant u 15% mill-appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr